# WIRT IŻ-ŻEJTUN

Ħarga No. 54 - Biex Inżommuk Infurmat
Settembru 2024

WIRT IŻ-ŻEJTUN

## Editorjal - Kemm hija importanti r-riċerka!

Sa mill-bidu tat-twaqqif tal-għaqda tagħna, dejjem tajna importanza kbira lir-riċerka f'dak kollu li nagħmlu. Rajna wkoll li r-riċerka u dak li niskopru jkun ukoll ippubblikat għaliex dejjem sostnejna li dak li jinkiteb u jinġabar fi ktieb jibqa' hemm għall-prosperita' u aċċessibbli għal dawk li jiġu warajna.

Fis-16 ta 'Novembru li ġej se nkunu qed norganizzaw is-sitt simpożju bijennali ta' Wirt iż-Żejtun. Din id-darba r-riċerka li se tkun qed tiġi pprezentata hija kollha marbuta mal-knisja parrokkjali l-qadima ta' Santa Katarina, jew kif ħafna jirreferu għaliha bħala l-knisja ta' San Girgor. Matul dawn l-aħħar snin, permezz ta' għajnuna ta' fondi li ġibna minn diversi sorsi, wettaqna bosta proġetti marbuta ma' din il-knisja, minn proġetti ta' restawr sa riċerka xjentifika. Għalkemm diġa' saru preżentazzjonijiet minn esperti, riċerkaturi u restawraturi hekk kif tlestew dawn il-proġetti, ir-riċerka fuqhom ma waqfitx ma' tmiem dawn il-preżentazzjonijiet, iżda għadha għaddejja sal-lum. Barra minn hekk, meta wieħed jgħaqqad dak kollu li sar s'issa u janalizza dak li nstab b'mod aktar ħolisitiku, wieħed ikun jista' jixtarr, janalizza u jasal għall-konkużjonijiet aktar fondati.

Dak li ġie rriċerkat u ppreżentat s'issa wara kull proġett li sar, għadu qatt ma ġie ppubblikat.Huwa għalhekk li dan is-simpożju se jkollu importanza kbira. Ir-riċerkturi diġa' bdew jgħaddulna l-kitbiet tagħhom, oħrajn qasmu wkoll magħna l-għarfien dwar xi sejbiet li għamlu waqt ir-riċerka li qed jaħdmu fuqha. Nistgħu ngħidu minn issa li dan is-simpożju se jwasslilna għarfien ġdid dwar din il-knisja u l-istorja tagħha, għarfien li se jgħabbina b'responsabbilta' akbar sabiex dan il-monument storiku u arkitettoniku naraw li jitqiegħed fuq il-pedestall li tant jistħoqqlu.

Minn hawn irridu ngħidu wkoll li s-servizzi ta' riċerka u kitba minn akkademiċi, riċerkaturi, restawraturi u esperti, li se jkunu qed jiġu ppreżentati waqt is-simpożju u aktar tard ippubblikati fil-ktieb li se nkunu qed noħorġu, qed jingħataw kollha b'xejn. Il-kelma "Grazzi" lil dawn in-nies mhix biżżejjed; jonqos ukoll l-apprezzament permezz tal-attendenza tagħkom waqt l-istess simpożju. Nittamaw li narawkom.

## Ftit ħin kwiet u pjaċevoli waqt Żejt iż-Żejtun

Jekk trid issib siegħa kwiet u tisma' mużika pjaċevoli waqt Żejt iż-Żejtun, fl-10:00 ta' filgħaxija ejja sal-Knisja ta' l-Ispirtu s-Santu għall-kunċert bi strumenti tal-korda, permezz tal-Fourtune String Quartett. Il-kunċert jieħu madwar siegħa u d-dħul huwa mingħajr ħlas.



# SIMPOŻJU 2024 – Il-Knisja Parrokkjali l-Qadima

Nhar is-Sibt 16 ta' Novembru, ġewwa l-knisja parrokkjali l-qadima ta' Santa Katarina (magħrufa bħala l-knisja ta' San Girgor), se nkunu qed intellgħu s-sitt simpożju bijennali li din id-darba se jkollu bħala tema "Il-Knisja l-Parrokkjali l-Qadima". Matul dan is-simpożju se jkun hemm għaxar preżentazzjonijiet differenti li lkoll għandhom rabta ma' din it-tema. Il-preżentaturi jinkludu akkademiċi, storiċi, riċerkaturi, esperti, restawraturi u xjenzati li lkoll se jaqsmu magħna dak li skoprew.

Ir-reġistrazzjoni għas-simpożju se tkun qed tiftaħ fil-bidu t'Ottubru. Bħal m'għamilna wara s-simpożja ta' qabel, ir-riċerka kollha se tkun miġbura fi ktieb li se jkun ippubblikat kmieni fis-sena 2025.

## Ibdlu l-Local Plans!

Nhar il-Ħadd 7 ta' Lulju, Wirt iż-Żejtun, flimkien ma' numru ta' għaqdiet oħrajn, konna parti minn din il-Konferenza Stampa li saret fil-pjazza taż-Żurrieq sabiex tagħmel pressjoni fuq il-Gvern biex jibdel il-Pjani Lokali.Din il-konferenza kienet organizzata mill-għaqda IL-KOLLETTIV li għaqqdet flimkien lil dawn l-għaqdiet f'vuċi waħda.

Nirringrazzjaw lis-Sindku u r-rappreżentanza mill-kunsilliera tal-Kunsill Lokali Żejtun - Żejtun Local Council li wkoll ingħaqdu magħna sabiex inwasslu dan il-messaġġ.

Inħeġġu lill-parroċċi, għaqdiet tal-banda, tal-futbol u għaqdiet oħrajn sabiex jingħaqdu flimkien mal-komunitajiet sabiex jitwassal messaġġ wieħed, dak li jeħtieġ ħafna aktar rażan fuq l-ispekulazzjoni u l-bini esaġerat li mhux biss qed jibdel il-karattru tal-ibliet u l-irħula tagħna, iżda wkoll qed joħloq pressjoni fuq is-saħħa mentali tar-residenti minħabba d- deterjorazzjoni fil-kwalita' tal-ħajja.

## Studenti Palestinjani milqugħa fostna

Grupp ta' studenti, periti mill-Universita' ta' Birzejt fil-Palestina, matul ix-xahar ta' Lulju qattgħu xi jiem fostna u ħadmu fuq proposta ta' tisbieħ ta' Misraħ Santa Marija. Waqt l-ewwel żjara tagħhom fiż-Żejtun, dawn l-istudenti u l-għalliema tagħhom iddawru mat-triqat tar-Raħal ta' Fuq mill-President ta' Wirt iż-Żejtun fejn waslilhom għarfien storiku u apprezzament tal-valur arkitettoniku u urban ta' dawn l-inħawi.



Lejn tmiem l-esperjenza tagħhom fostna, huma ppreżentaw id-disinn ta' tisbieħ li fasslu għal dan il-misraħ lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun.

IDĦOL FIS-SIT ELETTRONIKU TA' WIRT IŻ-ŻEJTUN - WWW.WIRTIZZEJTUN.COM

IKKUNTATTJANA FUQ WIRTIZZEJTUN@GMAIL.COM

# Niċċelebraw l-għasir taż-żebbuġa iżda mhux l-għeruq tagħha

Kienet deċiżjoni eċċelenti lura fl-2007 li l-mibki ex-Sindku Joe Attard beda l-festival folkloristiku Żejt iż-Żejtun, festival li baqa' popolari u jiġbed in-nies minn kull rokna ta' Malta lejn beltna.

Bix-xieraq dan il-festival huwa maħsub sabiex jiftaħ l-istaġun tal-ġbir taż-żebbuġ, xi ħaġa li hija sinonima mhux biss mal-isem ta' beltna iżda wkoll għandha rabtiet storiċi mal-għeruq ta' dawn l-inħawi ta' Malta. It-toponomastika, jew aħjar l-ismijiet tal-postijiet u l-akkwati f'dawn l-inħawi għandhom rabta diretta ma' din l-agro-industrija.L-isem taż-Żejtun stess, hija l-kelma semitika tal-frotta tas-siġra taż-żebbuġ, jew dik li aħna nirreferu għaliha bħala ż-żebbuġa. Birżebbugia u l-Bidni huma żewġ ismijiet ta' lokalitajiet oħra li għandhom rabta ma' din l-agro-industrija.

Iżda mhux l-ismijiet biss huma xhieda ta' dawn ir-rabtiet. Nistgħu ngħidu li fix-Xlokk ta' Malta għandna wkoll numru ta' fdalijiet arkeoloġiċi miż-żminijiet Puniċi u Rumani li wkoll isaħħu din ir-rabta. Fuq ir-riħ ta' Wied Dalam, Birżebbuġa, insibu fdalijiet ta' villa Rumana li fiha nstabu għodod marbutin mal-għasir taż-żejt taż-żebbuġa. Riċentament instabu fdalijiet ta' villa oħra qrib il-Knisja ta' San Pietru, aħna u neżlin Marsaxlokk. Fil-kampanja madwar iż-Żejtun kien hemm diversi sejbiet oħra li joffru sors ta' rabta ma' din l-industrija. Iżda għalina ż-Żwieten, l-aqwa xhieda tar-rabta taż-Żejtun ma' din l-industrija huma l-fdalijiet tal-Villa Rumana li nstabu fis-snin sittin u sebgħin waqt li kienet qed tinbena l-iskola sekondarja. Dawn il-fdalijiet baqgħu jiġu studjati minn arkeoloġiċi sas-sena 2018, meta matul is-sjuf tas-snin ta' qabel, id-Dipartiment tal-Klassiċi u l-Arkeoloġija fi ħdan il-Fakulta' tal-Arti tal-Universita' ta' Malta, permezz ta' l-istudenti tagħhom komplew jiskavaw u jistudjaw dan is-sit arkeoloġiku.

Wirt iż-Żejtun ukoll, lura fis-sena 2012, organizzat wirja dwar dan is-sit b'esebizzjoni ta' artifatti li nstabu fih u li qatt qabel ma kienu ġew esebiti għall-pubbliku. Fl-istess sena tellajna simpożju dwar dan is-sit kif ukoll ippubblikajna l-istudji li ġew ippreżentati. Fl-2021, Wirt iż-Żejtun, bl-għajnuna tad-Dipartiment tal-Klassiċi u l-Arkeoloġija fi ħdan il-Fakulta' tal-Arti tal-Universita' ta' Malta u ta' Heritage Malta, permezz tal-fondi mill-GalXlokk, tellajna rikostruzzjoni diġitali tal-Villa Rumana kif ukoll ħloqna filmat qasir dwar l-istess villa u kif maħsub li kien isir il-proċess tal-għasir taż-żebbuġ fil-perjodu Klassiku.

Wirt iż-Żejtun issa ilha għal dawn l-aħħar tmien snin tinsisti sabiex dan is-sit ma jibqax fl-istat li hu, magħluq bejn il-ħitan li jdawru l-iskola, mitluf qalb ħaxix selvaġġ m'għola bniedem, u bl-ebda mod aċċessibli għal min jixtieq jarah jew jistudjah. Kien għalhekk li tlabna kemm-il darba sabiex dan is-sit jgħaddi f'idejn Heritage Malta, b'offerta li aħna nieħdu ħsieb li nimmaniġjawh u niftħuh ukoll għall-pubbliku. Saħansitra kellna s-sapport tal-Ministru tal-Edukazzjoni, is-Sur Evarist Bartolo, sabiex isir dan lura fl-2018, tant li ġew issottomessi pjanti sabiex is-sit jiddawwar b'fence mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada u jkollu aċċess separat mill-iskola.

Iżda llum qed niċċelebraw Żejt iż-Żejtun mingħajr ma nistgħu naqħtu l-ġieħ mistħoqq lil vera oriġini taż-żejt miż-Żejtun. Għalhekk Wirt iż-Żejtun ser tiġbor firem ta' appoġġ sabiex dan is-sit skedat fl-ogħla livell ta' protezzjoni, tingħatalu l-attenzjoni li tixraqlu biex illum qabel għada jgħaddi għand Heritage Malta.



Għal aktar tagħrif idħol dwar il-Villa Rumana: www.thezejtunromanvilla.com

# Is-sitt ktieb mis-sensiela Għamlulna Ġieħ



Fil-jiem li ġejjin se nkunu qed nippubblikaw is-sitt ktieb mis-seniela "Għamluna Ġieħ: Dun Ġwann Farrugia u ta' Madwaru." Dan il-ktieb ġie rriċerkat u miktub mit-Tabib Anton Bugeja  u li permezz tiegħu qed inwasslu għarfien dwar persunaġġ interessanti fl-istorja pjuttost riċenti ta' beltna.  Il-ktieb ser ikun fih ukoll rakkont qasir ta' memorji u tifkiriet dwar Dun Ġwann li għaddielna s-Sur Joe Mercieca.  Dun Ġwann Farrugia kien saċerdot li mhux biss qeda d-dmirijiet pastorali fiż-Żejtun, iżda wkoll kellu interess u mħabba lejn il-wirt arkeoloġiku, mhux biss fil-konfini ta' beltna u l-inħawi tal-madwar, iżda wkoll dak li ltaqa' miegħu f'inħawi oħra ta' gżiritna.

Dan il-ktieb se jiġi mniedi fil-jiem li ġejjin u huwa maħsub li jibda jinbiegħ waqt Żejt iż-Żejtun.

## Laqgħat mal-Arċipriet u l-Mużew tal-Parroċċa

Fil-jiem li għaddew kellna laqgħat mal-Arċipriet, il-Kan. Dun Anton Galea Scannura u fost il-punti li ddiskutejna kien hemm il-ftuħ tal-Mużew tal-Parroċċa flimkien ma' xi knejjes sabiex iservu ta' attrazzjoni għal turiżmu reliġjuż fiż-Żejtun.

Dun Anton fehem u qabel ma' din l-inizjattiva u għalhekk qbilna li ssir sejħa għall-voluntiera li jkunu jistgħu jgħinu sabiex jinfetħu dawn is-siti, għal issa minn jumejn sa ġurnata fil-ġimgħa, dejjem skont l-ammont ta' voluntiera li se nsibu lesti li jimpenjaw ruħhom u jgħinu sabiex dan il-ħsieb jitwettaq. Wara laqgħa li saret għal dawk interessati, issa qed jitfassal pjan mill-parroċċa sabiex dawn is-siti jibdew jinfetħu.

## Preżentazzjoni ta' ktieb lill-E.T. Mons. Arċisqof

Fil-bidu ta' Lulju, rappreżentanza mill-Kumitat Eżekuttiv ta' Wirt iż-Żejtun, flimkien ma' Vincent Zammit, l-awtur u Daniel Cilia, il-fotografu tal-ktieb "Iż-Żejtun – Citta' Beland: Our Heritage, Our Place, Our Life", attendew għal laqgħa mal-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, fil-Kurja il-Furjana. Waqt din il-laqgħa ġiet ippreżentata kopja ta' dan il-ktieb lill- Eċċelenza Tiegħu.Huwa kellu kliem ta' tifħir dwar din il-pubblikazzjoni u għal mod professjonali ta' kif ġiet ippreżentata.



**Wieħed se jkun jista' jakkwista kopja tal-ktieb "Iż-Żejtun – Citta' Beland: Our Heritage, Our Place, Our Life" waqt Żejt iż-Żejtun billi jissieħeb membru ma' Wirt iż-Żejtun u jħallas il-miżata ta' sentejn li tkun tgħodd għas-sena 2025 u 2026.**

# Il-Visti Pastorali fil-Parocca Antika taz-Zejtun

Waħda mir-riformi tal-Konċilju ta' Trento (1645-1563) kienet it-tigdid taż-żjara pastorali li l-isqof, bħala l-kap spiritwali tad-djoċesi, kien obbligat jagħmel regolarment. L-iskop ewlieni ta' dawn iż-żjarat kien li tiġi żgurata u miżmuma l-fidi u d-dixxiplina reliġjuża u li jitrażżnu l-abbużi.L-għan tagħha kien li tmexxi lill-parruċċani lejn duttrina retta, li tgħallem u żżomm morali tajbin u li tipprojbixxi l-ħażen, permezz ta' eżortazzjoni u taghlim. Oggettiv ieħor kien eżaminazzjoni tat-tmexxija tal-kleru u s-sorijiet, u biex jitrażżnu kemm jista jkun l-abbużi li jirriżultaw minnhom.Għan ieħor kien l-ispezzjoni metikoluża tal-assi materjali tal-knisja, inklużi knejjes, kappelli u ċimiterji, laqghat mal-amministraturi u l-prokuraturi inkarigati mill-manutenzjoni ta' dawn l-assi, u l-iskrutinju tar-rekords tan-nefqa finanzjarja. Kienu jsiru wkoll inventarji tal-assi tal-knisja. In-nuqqas ta' twettiq ta' titjib kien wassal għal pieni harxa ta' flus u anke dekonsaggrazzjoni tal-post. Dawn iż-żjarat pastorali jipprovdu perspettiva cara ta' kif id-diversi proprjetajiet tal-knisja telgħu jew waqgħu fl-istatus maż-żmienijiet. Indirettament, l-istat tagħhom indika wkoll il-privileġġi u l-preeminenza li l-parroċċa kellha fi kwalunkwe mument, kif ukoll serviet bħala enfasi fuq parametri soċjali differenti inkluż l-ispettru soċjoekonomiku tal-parruċċani, u d-demografija tal-irħula. L-isqof kien jimbotta lill-kleru kif ukoll lil-lajċi li jirrappurtaw għemil ħażin ta' sħabhom, anke taħt it-tarka tal-anonimità.



Dawn id-diversi għanijiet, partikolarment l-osservazzjoni aħjar tad-duttrina reliġjuża, kienu jigu spjegati wkoll fl-introduzzjoni ta' diversi żjarat pastorali li saru f'Malta fis-sbatax u tmintax is-seklu. Meta l-Isqof Canaves beda l-vizta pastorali tiegħu fl-1714, dawn il-prinċipji reġgħu ġew spjegati fl-introduzzjoni. Dawn kellhom jqanqlu it-tigdid tal-kult divin fost il-popolazzjoni, ir-riforma tad-dixxiplina ekkleżjastika u l-korrezzjoni ta' xi drawwiet tal-fidili. Minbarra formazzjoni u preparazzjoni aħjar tar-reliġjużi sekulari, sar ukoll impenn kbir fuq il-lajċi biex inisslu fihom ir-rispett xieraq u profond lejn id-difiża Tridentina tas-sagrament tal-Ewkaristija Mqaddsa. Wieħed mill-ezempji ta' dan kien li l-metall tal-pissidi li kien izomm l-Ewkaristija f'kuntatt fiżiku mieghu kien irid ikun ta'-ifjen tip, jigifieri deheb. Diversi żjarat pastorali kkummentaw dwar dan, u l-pissidi li ma kinux indurati bid-deheb fuq ġewwa kellhom isiru hekk saż-żjara li jmiss. Il-pissidi kellhom ukoll ikollhom għata għall-protezzjoni, magħmul mil-ifjen ħarir abjad jew aħmar, minsuġin b'ħajt tad-deheb. It-tabernaklu, li kien Il-post ewleni fejn l-Ewkaristija kienet tkun mizmuma, kellu jitqiegħed f'nofs l-artal prinċipali, il-punt fokali tal-presbiterju.It-tabernaklu kellu jkun magħmul mill-aqwa injam, jew xogħol tal-ġebel skolpit b'mod metikoluż, miżbugħ fuq barra u indurat, u mgħotti fuq ġewwa bl-aqwa ħarir ahmar li seta jinsab. Meta l-kappella fejn kienet tinzamm l-Ewkaristija Mqaddsa kienet imwarrba fid-disabitat, u ma kienitx sikura minn atti sagrilegi, l-Ewkaristija kellha tiġi mehuda f'post aktar sikur f'kappella oħra.

Din l-eventwalità seħħet fil-knisja ta' San Girgor fiż-Żejtun waqt iż-żjara pastorali tad-delegat papali u l-Inkwiżitur Pietro Duzzina fis-7 ta' Frar 1575. Il-kappillan ta' dak iż-żmien, Don Ioannes Mamus mis-Siġġiewi, dawwar lid-delegat madwar il-knisja, li nnota d-daqs kbir taghha u li kienet mibnija, b'mod sod. Kellha attendenza pjuttost tajba, mhux biss min-nies tal-lokal iżda wkoll minn barra r-raħal, partikolarment nhar ta' Tnejn fejn kien isir hafna talb u wegħdiet. Madankollu, kien hemm fatt wiehed li id-Delegat Appostoliku ma kienx kuntent bih. Il-pożizzjoni tal-knisja parrokkjali kienet tinsab fit-tarf tal-abitat, faċilment milhuqa mill-kosta. Il-popolazzjoni ta' l-inhawi kienet diversi drabi matul is-snin attakkata mil-Mislem u pirati, bil-knisja ġġorr il-piż ta' tigrif u hsara. Dawn il-hsarat zkur kienu jaghtu ragun lis-soluzzjoni ta' Duzzina biex jiġu evitati aktar atti sagrilegi. Iż-żewġ għażliet ta' Duzzina kienu jinkludu t-trasferiment tas-Sagrament Imqaddes għal kappella f'nofs il-komunità, bit-tabernaklu tal-knisja parrokkjali jibqa vojt; jew l-għoti totali tat-titlu tal-knisja parrokkjali lil kappella oħra. Iż-żewġ għażliet kienu problematiċi għall-parruċċani zwieten, iżda l-ahhar ghazla kienet kompletament inaċċettabbli.L-istorjografu Malti Abela iddeskriva tilwima perikoluża bejn l-irġiel ta' Bisqallin u Bisbut ikkawżata mid-digriet maħruġ minn Mons Dusina. Il-knisja li kellha tospita s-Sagrament kienet dik tal-Assunta tal-Verġni Mqaddsa fin-naha ta' Bisqallin, li għalkemm kien post aktar sikur f'nofs l'abitat, kienet kappella iżgħar mill-knisja parrokkjali.

Iz-zjara pastorali kienet taghti ukoll attenzjoni speċjali lis-saċerdoti sekulari tal-parroċċa. Għalkemm l-isqof żgur li kien ingħata xi sfond dwar is-saċerdoti sekulari li kienu jissorveljaw id-diversi parroċċi qabel iż-żjara pastorali tiegħu, kull membru kien jigi mistoqsi u mitqies matul iż-żjara. Meta l-isqof Davide Cocco Palmieri żar il-parroċċa ta' Santa Katarina fiż-Żejtun fit-2 ta' Ġunju 1693 id-delegazzjoni tiegħu ltaqgħet mas-saċerdoti u d-djakni kollha li kienu qed iservu dak iż-żmien. Il-lista tas-saċerdoti kienet tinkludi lil Don Ugolinus Bonici bħala l-kappillan, Don Paschalis Zahra, Don Salvator Habela (Sacrae Theologiae Doctor), Don Aloysius Cachia, Don Franciscus Cassar, Don Ioannes Zahra, Don Thomas Magro u Don Joseph Mifsud. Kien hemm ukoll 5 kjeriċi f'Ordnijiet minuri fosthom il-kleriku Ioannes Bonnici, l-akkolitu Petrus Paulus Bonici, il-kleriku Antonino Busuttil, il-lector Salvator Bonici u l-kleriku Joseph Cachia. Kien hemm 3 djakni miżżewġin: il-kleriċi Salvator Briffa, Marcus Antonino Bonici u Francis Tabone. Kien hemm qaddej wieħed jismu Petrus Caruana.

*[tkompli fil-paġna li jmiss]*

# Il-Visti Pastorali fil-Parocca Antika taz-Zejtun (kont.)

Il-membri kollha tal-knisja parrokkjali ġew intervistati minn Don Mariano Haxac li kien it-teżorier tal-Katidral tal-Imdina u Don Ignatio Costantio Concellarlo li kien il-Koadjutur tal-isqof. L-Ordnijiet minuri kollha ġew iċċekkjati għat-tonsura u kulħadd kien ghadda minn din.Il-qassisin ġew eżaminati fuq żewġ aspetti tal-vokazzjoni tagħhom. L-ewwel waħda kienet dwar kif jiċċelebraw il-quddiesa, u kollha ġew approvati ħlief Don Aloysius Cachia, li mid-dehra kellu xi 'taqlib' f'ħajtu u dan l-aħħar kien ingħata struzzjonijiet mill-kappillan tiegħu biex jastjeni milli jmexxi il-quddies. It-tieni aspett kien dwar kif kien jitmexxa is-sagrament tal-qrar mall-parruċċani tagħhom. Il-qassisin kollha ġew approvati f'dan ħlief għal Don Thomas Magro, li l-approvazzjoni tiegħu kienet limitata ghall-qrar għall-irġiel biss.
Anke l-qabla tar-raħal kellha tiġi intervistata. Bil-imwiet tat-trabi għolja kif kienet dawk iz-zminijiet, u l-fatt li l-hlas kollu kien isir d-dar, kienet haga normali li l-qabla, bħala l-ewwel u l-unika persuna li kienet tassisti fil-hlas, kienet ukoll tkun preżenti matul it-twelid ta' tarbija mejta. Il-knisja kellha tkun ċerta li l-qabla kienet mharrgai biżżejjed biex tamministra s-sagrament tal-magħmudija, kif kien permess f'ċirkostanzi tant koroh, minflok is-saċerdot. Il-qabla Evangelista Spagnolo kellha intervista bħal din fiż-żjara pastorali ta' hawn fuq, u apparentement kienet ghaddiet mill-ezaminazzjoni ta' l-isqof.
Iż-żjarat pastorali ma kienux xi eżerċizzji semplici miktubin fuq karta, jew inventarji tal-assi tal-Knisja. Kienu ezercizzji fil-fond izjed minn hekk; l-iskop ewlieni tagħhom kien, u għadu, l-imħabba u l-protezzjoni tal-fidi Nisranija fl-aspetti kollha tagħha. Il-kura li l-parruċċani kienu jiehdu tal-assi fiżiċi tal-knisja, id-devozzjoni u l-fedeltà tagħhom lejn is-sagramenti, il-kompetenza u d-dedikazzjoni tas-saċerdoti u l-amministraturi tagħha, il-ħarsien sikur tal-kongregazzjoni devota tagħhom mit-twelid sal-mewt; kollha gew msahha mill-prinċipji tal-Koncilju Tridentina kif dan ipprova jissielet mat-taqbida Riformista.

## Żejt iż-Żejtun

Żejt iż-Żejtun hija festa folkloristika li ssir kull sena fl-aħħar tmiem il-ġimgħa ta' Settembru u tkun organizzata mill-Kunsill Lokali.Din il-festa hija tifkira ta' ċelebrazzjoni tal-wirt agrikolu u ta' snajja li ż-Żwieten irċevew mingħand ta' qabilhom. Dan l-avveniment annwali hu popolari ħafna mhux biss fostna ż-Żwieten imma wkoll fost il-mijiet ta' nies oħra li jiġu jżuruna. Kull min jiġi jżurna waqt din l-attivita' jkun jista' jduq iż-żejt taż-żebbuġa u jikseb tagħrif dwar l-istorja, il-kultura u t-tradizzjonijiet li bihom hi mżejna beltna. Waqt din l-attivita' ma jonqosx ukoll l-għana Malti li ż-Ż-Żejtun hu tant magħruf għalih.Naraw ukoll mhux biss imwejjed u stands li jbiegħu ikel tipiku Malti u prodotti lokali oħra, imma wkoll diversi wirjiet artistiċi u kulturali. Ħafna għaqdiet Żwieten inkluż il-Parroċċa jieħdu sehem f'dan l-avveniment.





Ta' kull sena, l-għaqda tagħna Wirt iż-Żejtun tieħu sehem attiv f'din il-lejla folkloristika. Matul is-snin organizzajna wirjiet kulturali b'temi differenti bħall-fotografija, l-Aħħar Ħbit mit-Torok u dwar sejbiet arkeoloġiċi fost l-oħrajn. Minn hawn inħeġġukom biex waqt Żejt iż-Żejtun li din is-sena se jsir fit-28 ta' Settembru, taslu wasla sal-istand tagħna u hemmhekk tistgħu taraw u tixtru xi wħud mill-pubblikazzjonijiet li ħriġna s'issa.Wieħed ukoll jista jidħol membru magħna.Min jidħol membru, barra li jkun qed jgħin lill-għaqda tagħna, ikun jista' wkoll jibbenifika minn offerti fuq pubblikazzjonijiet u anke fuq ħarġiet kulturali li norganizzaw matul is-sena